2023/2615

20.11.2023

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2615

tal-15 ta' Novembru 2023

li jistabbilixxi għeluq tas-sajd għall-merluzz fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM għall-bastimenti bil-konzijiet tal-qiegħ li jtajru l-bandiera tal-Italja u li għandhom tul totali ta' 18-il metru jew aktar u inqas minn 24 metru

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 [2] jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023.

(2) Skont l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, l-isforz tas-sajd massimu permissibbli relatat mal-merluzz fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11 tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) u applikabbli għall-bastimenti bil-konzijiet tal-qiegħ li jtajru l-bandiera tal-Italja jew li huma rreġistrati fiha li għandhom tul totali ta' 18-il metru jew aktar u inqas minn 24 metru, jitqies li ntlaħaq għall-2023.

(3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak il-grupp ta' stokkijiet,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-isforz

L-isforz tas-sajd massimu permissibbli allokat lill-Italja għall-grupp ta' stokkijiet tal-merluzz fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM għall-2023 imsemmi fl-Anness għandu jitqies li ntlaħaq mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 minn bastimenti bil-konzijiet tal-qiegħ li jtajru l-bandiera tal-Italja jew li huma rreġistrati fiha u li għandhom tul totali ta' 18-il metru jew aktar u inqas minn 24-il metru, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata fl-Anness. B'mod partikolari għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord u jsiru rilokazzjoni, trażbord jew ħatt l-art tal-ħut minn dak l-istokk maqbud minn dawk il-bastimenti wara dik id-data.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.
[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/195 tat-30 ta' Jannar 2023 dwar l-iffissar għall-2023 tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet u gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/110 fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għall-2022 applikabbli fil-Baħar Mediterran u l-Baħar l-Iswed (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 220).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2023.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Virginijus SINKEVIČIUS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Nru	16/TQ195
Stat Membru	L-Italja
Kodiċi tal-grupp tal-isforz tas-sajd	EFF1/MED2_LL3
Grupp ta' stokkijiet	Merluzz (*Merluccius merluccius*) fil-GSAs 8, 9,10 u 11
Bastimenti konċernati	Bastimenti bil-konzijiet tal-qiegħ ≥ 18 m u < 24 m
Data tal-għeluq	Is-27 ta' Ottubru 2023